MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH D. CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH A. FILLETTI**

Seduta tas-27 ta' Frar, 2004

Appell Civili Numru. 740/1996/1

**Emanuel Calleja**

**vs**

**Nazzareno sive Zaren Calleja u l-Av. Dr. Anthony Cutajar u l-Prokuratur Legali Veronica Rossignaud, nominati b'digriet tad-19 ta' April, 1996, bhala kuraturi deputati biex jirrapprezentaw lill-assenti John Calleja u Joe Calleja u b'nota tal-15 ta' April, 1997, Carmelo Bezzina assuma l-atti tal-kawza bhala mandatarju ta' l-assenti konvenut Joe Calleja u b'digriet tal-5 ta' Novembru, 1999, Dr Anthony Cutajar u l-P.L. Veronica Rossignaud gew estromessi minn dawn il-proceduri u**

**b'digriet tat-2 ta' Lulju, 2002 Paul Calleja assuma l-atti ghall-assenti John Calleja.**

**Il-Qorti:**

**PRELIMINARI**

1. Dan hu appell da parti ta' l-attur minn sentenza moghtija mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fit-22 ta' Frar, 2000, fil-kawza fl-ismijiet fuq imsemmija li tghid hekk:

"Rat ic-citazzjoni li biha il-attur ippremetta illi l-kontendenti huma lkoll eredi tal-genituri taghhom Pawla Calleja u Salvatore Calleja.

Peress illi l-missier Salvatore Calleja miet intestat.

Peress illi Pawla Calleja ghamlet testament fis-26 ta' Lulju 1966 fejn hija halliet bi prelegat lil binha Emanuel Calleja is-somma ta' mitt lira maltin (Lm100) kif ukoll l-oggetti tad-deheb kollha taghha kif jirriuzlta mill-anness testment. (Dok A).

Peress illi b'testment addizzjonali taghha tas-16 ta' Ottubru 1973, hija halliet ukoll lill-istess Emanuel Calleja b'legat is-sehem li jappartjeni lilha u cioe` nofs indiviz miz-zewg ghelieqi imsejhin "Ta' Kilfa" fi Triq San Tumas, limiti tal-Fgura, kif jirrizulta mill-anness testment addizjonali (Dok B).

Peress illi fl-20 ta' Frar 1979 mietet Pawla Calleja kif jirrizulta mill-anness certifikati tal-mewt (Dok C u D).

Peress illi ghadu ma sarx il-qsim tal-wirt li ghadu gjacenti.

Peress illi l-attur ma jixtieqx jibqa' jippossjedi in komuni l-wirt fuq imsemmi, liema wirt huwa komodament divizibbli.

Talab li l-Qorti:

1. Tammetti in pusses lill-attur fil-prelegat u fil-legat tieghu kif fuq imsemmi u dan okkorrendo bin-nomina ta' periti arikitetti.

2. Tordna d-divizjoni ta' l-eredita` in kwistjoni okkorrendo bin-nomina ta' periti arikitetti u dan billi tassenja lil kull wiehed minnhom porzjoni ugwali.

3. Tinnomina nutar pubbliku biex jippubblika l-att relattiv.

4. Tinnomina kuraturi biex jirrappresentaw l-eventwali kontumaci tal-konvenuti.

Bl-ispejjez u l-imghax u l-konvenuti gew ingunti in subizzjoni.

Rat in-nota ta' eccezzjonijiet tal-konvenuti Dr. Anthony Cutajar u l-Prokuratur Legali Veronica Rossignaud fil-kwalita' taghhom premessa li biha eccepew illi:

1) Illi huma mhumiex edotti mill-fatti tal-kawza.

2) Salvi eccezzjonijiet ulterjuri

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti tal-konvenuti Dr. Anthony Cutajar u PL Veronica Rossignaud.

Rat in-nota ta' eccezzjonijiet ta' Carmelo Bezzina bhala mandatarju tal-assenti Joseph Calleja li biha eccepixxa:

1. Illi huwa m'ghandu ebda oggezzjoni li ssir il-qasam u l-eventwali imissjoni fil-pusses skond il-ligi, la darba ssir b'rizultat ta' perizja.

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenut Carmel Bezzina noe.

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenut Nazzareno sive Zaren Calleja li biha eccepixxa:

1) Illi t-talbiet attrici huma intempestivi peress illi Nazzareno Calleja qatt ma kien kuntrarju ghall-qsim tal-wirt bejn il-kontendenti lkoll eredi tal-genituri taghhom Salvatore u Pawla konjugi Calleja;

2) Illi konsegwentement huwa m'ghandux ikun responsabbli ghall-ispejjez ta' din il-procedura;

3) Illi mhuwiex minnu illi l-istess Salvatore Calleja missier il-kontendenti miet intestat kif ser jirrizulta waqt it-trattazjoni tal-kawza;

4) Illi in kwantu ghall-qsim ta’ l-ghelieqi citati fir-raba’ premessa tac-citazzjoni, l-attur naqas li jaghti il-konfini taghhom u naqas li jindikhom bi pjanta addebita u ghaldaqstant ma jistghux jigu identifikati skond il-ligi;

5) Illi huwa jaf b'dawn il-fatti personalment;

6) Salv eccezzjonijiet ulterjuri

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenut Nazzareno sive Zaren Calleja.

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet ta' Paul Calleja bhala mandatarju ta’ l-asssenti John Calleja li biha eccepixxa:

1) Illi huwa ma jopponix id-divizjoni ta’ l-eredita` in kwistjoni salv il-verifika tal-kwota ereditarja u l-valuri tal-kwoti.

Salvi eccezzjonijiet ohra.

Rat in-nota ta’ l-osservazzjonijiet.

Rat illi l-kawza giet differita ghal decizjoni fuq in-nullita` tac-citazzjoni u cioe` fuq ir-raba’ eccezzjoni tal-konvenut “illi in kwantu ghall-qsim ta’ l-ghelieqi citati fir-raba’ premessa fic-citazzjoni, l-attur li naqas li jaghti l-konfini taghhom u naqas li jindikahom bi pjanta addebita u ghaldaqstant ma jistghux jigu identifikati skond il-ligi.”

Ikkunsidrat

Illi l-artikoli relevanti huma l-artiklu 156 (1) u (2) u l-artikolu 175(1) tal-Kapitolu 12. Dawn jghidu hekk:

**156.** (1) Ic-citazzjoni ghandha titlesta mill-attur u ghandu jkun fiha -
(*a*) tifsir car u sewwa ta’ l-oggett u r-raguni tat-talba;
(*b*) it-talba jew it-talbiet, li ghandhom ikunu numerati.

(2) Flimkien mac-citazzjoni ghandhom jingiebu d-dokumenti mehtiega biex isahhu t-talba.

**175.** (1) Il-Qorti tista’, f’kull waqt tal-kawza, qabel is-sentenza, wara talba ta’ wahda mill-partijiet, wara li tisma’ meta jehtieg lill-partijiet, tordna s-sostituzzjoni ta’ xi att jew tippermetti tibdil fl-iskritturi, sew billi fihom jizdied jew jitnehha l-isem ta’ wahda mill-partijiet u jitqieghed iehor floku, jew billi jissewwa zball fl-isem tal-partijiet jew fil-kwalità li fiha jidhru, jew billi jissewwa kull zball iehor jew billi jiddahhlu hwejjeg ohra ta’ fatt jew ta’ dritt ukoll permezz ta’ nota separata, sakemm sostituzzjoni jew tibdil bhal dan ma jbiddilx fis-sustanza l-azzjoni jew l-eccezzjoni fuq il-meritu tal-kawza.

Ikkunsidrat li l-ewwel din il-Qorti trid tezamina jekk gewx osservati d-dettami tal-ligi, u sekondarjament jekk hemm xi nuqqasijiet jekk dawn jistghux jigu sanati jew jekk jwasslux ghan-nullita`. Issa l-ligi tirrikjedi fic-citazzjoni tifsira cara u sewwa ta’ l-oggett u r-raguni tat-talba. Fil-kaz in ezami din it-tifsira cara ma tirrizultax. Jekk l-attur qieghed jitlob divizjoni ta’ xi artijiet hu necessarju li dik l-art tkun indikata kif suppost u b’mod inekwivokabbli. Dan b’ebda mod ma jirrizulta fic-citazzjoni in ezami. Fil-kawza fl-ismijiet Adrian De Haan vs Dr Tonio Farrugia deciza mill-Qorti ta’ l-Appell fil-5 ta’ Ottubru, 1998, il-Qorti hasset li fil-kaz ta’ citazzjoni wara mandat ta' inibizzjoni [u wara atti kawtelatorji] irid ikun hemm tifsira cara u sewwa ta' l-oggett u raguni tat-talba [Kap 12 - 156 (1) (a)]. L-attur irid jghid b'mod specifiku x'inhuma l-pretensjonijiet tieghu u mhux issir ripetizzjoni tal-mandat ta' inibizzjoni. Ma tistax issir talba indefinita ta' estensjoni tal-mandat ta' inibizzjoni.

Ta’ min isemmi li kieku din il-Qorti kellha tilqa’ t-talba ta’ l-attur din il-Qorti jkollha tinnomina nutar biex jippublika l-att

relattiv li naturalment jkollu jimxi fuq dak li hemm fic-citazzjoni. U kif jista' dan in-nutar jippublika att li jmur kontra l-ligi!

Hu interessanti li f'dan l-istadju wiehed jara x'jitlob il-Kapitolu 55 dwar il-Professjoni Nutarili u Arkivju Nutarili fl-artikolu 28(1) (f):

(i) id-deskrizzjoni preciza tal-haga li dwarha jsir l-att b'mod li ma tistax tittiehed b'ohra,

(ii) fil-kaz ta' atti fost il-hajjin dwar immobbli, dawn ghandhom jigu mfissrin, jekk bini, bit-tismija tal-belt jew rahal u tat-triq fejn qeghdin u tan-numru taghhom, u, jekk ma jkollhomx numru, bit-tismija ta' tlieta, ghall-anqas, mill-irjieh taghhom; jekk raba', bit-tismija tal-post li fil-limiti tieghu jkunu qeghdin, bl-isem taghhom, jekk ikollhom (u jekk jista' l-isem tad-distrett), il-kejl taghhom, u tlieta, ghall-anqas, mill-irjieh taghhom, kif ukoll pjanta dettaljata tal-proprjetà flimkien ma' *survey sheet* ufficjali li turi l-qaghda ta' l-imsemmija proprjetà b'mod li tkun stabbilita l-identità taghha:
Izda meta l-istess pjanta li tkun mehtiega li tigi annessa tkun diga' annessa ma' att pubbliku iehor, riferenza ghalihom tkun bizzejjed;

Ghalhekk jidher car li l-Qorti ma tista' qatt tilqa' t-talbiet tac-citazzjoni fl-istat li qedghin fih. Inoltre fl-artikolu 156 jinghad li (2) Flimkien mac-citazzjoni ghandhom jingiebu d-dokumenti mehtiega biex isahhu t-talba. Dan ma jirrizultax li sar. Ghalhekk dan iwassal ghan-nullita' tac-citazzjoni jekk ma jistax jigi sanat.

Hawn l-attur sostna li jista' jirrimedja bl-applikazzjoni ta' l-Artikolu 175 tal-Kap. 12 li f'xi kazijiet tista' tordna s-sostituzzjoni ta' xi att jew tippermetti tibdil fl-iskritturi. Izda il-ligi issemmi fejn dan hu permess u tibda billi tipprovdi ghall- kazijiet li fihom jizdied jew jitnehha l-isem ta' wahda mill-partijiet u jitqieghed iehor floku. Tipprovdi wkoll biex jissewwa zball fl-isem tal-partijiet jew fil-kwalità li fiha jidhru. Dan irid isir dejjem kif tispecifika l-ligi. Infatti fil-

kawza Dr. Stephen Thake vs Fabian Saliba deciza mill-Qorti ta’ l-Appell (sic) - gie ritenut li l-partijiet iridu jirrizultaw mill-occhio, u s-sentenza li tinghata taghmel stat u torbot biss lil dawk il-persuni li jkunu imsemmija fl-occhio. Il-fakulta` moghtija mill-Art. 175 tal-Kap. 12 ma testendix ghall-korrezzjoni ta’ l-occhio mill-Qorti tal-Appell.

Fl-Artikolu 175 jissemma wkoll li l-Qorti tista’ tordna l-korrezzjoni billi jissewwa kull zball iehor jew billi jiddahhlu hwejjeg ohra ta’ fatt jew ta’ dritt ukoll permezz ta’ nota separata, sakemm sostituzzjoni jew tibdil bhal dan ma jbiddilx fis-sustanza l-azzjoni jew l-eccezzjoni fuq il-meritu tal-kawza. Fil-kawza deciza mill-Qorti ta’ l-Appell [Kummercjali] fit-12 ta’ Dicembru, 1994 fil-kawza fl-ismijiet Elizabeth Calabrese vs Ersilia Bigeni il-Qorti qalet:

“Il-limitu huwa senjalat fil-frazi:
……basta li l-ebda tibdil bhal dan ma jkun biddel fis-sustanza l-azzjoni jew l-eccezzjoni;

Id-diffikulta` li generalment tinholoq fl-applikazzjoni ta’ dan l-Artikolu taggira dejjem madwar din il-limitazzjoni….Il-qofol qieghed fil-precisazzjoni li timporta l-kelma “fis-sustanza”. Din tindika li kull bidla ta’ xi dettal ta’ xi haga marginali, incidentali, imma mhux **materja ta’ sustanza jew li taffetwa s-sustanza**;”

Issa fil-kaz in ezami hemm materja ta’ sustanza u ghalhekk it-talba ghall-korrezzjoni ma tistax tigi milqugha. Din tirreferi ghal nuqqas fic-citazzjoni ta’ partikolarita’ essenzjali mehtiega mill-ligi. Ghal dawn il-motivi tilqa’ l-eccezzjoni tan-nullita`.

Spejjez kontra l-attur.”

**<u>L-APPELL TA’ L-ATTUR</u>**

2. L-attur appella minn din is-sentenza u dan fuq l-<u>aggravji segwenti</u>:-
Illi b’mod sorprendenti l-Ewwel Qorti filwaqt li cahdet talba ghall-korrezzjoni ta’ l-appellant akkoljiet ir-raba’ eccezzjoni

tal-konvenut Nazzareno Calleja u ddikjarat ic-citazzjoni ta' l-attur appellant nulla.

Illi dan kollu jikkostitwixxi enuncjazzjoni tal-ligi zbaljata.

Illi l-ewwel nett fl-Artikolu 175 tal-Kap. 12 il-Qorti tista' f'kull waqt tal-kawza anke fi stadju ta' l-appell tawtorizza kull korrezzjoni necessarja purche` li tali korrezzjoni ma tbiddilx is-sustanza ta' l-azzjoni.

Stranament l-Ewwel Qorti tat interpretazzjoni mill-iktar ristrettiva ta' dan l-Artikolu u dan kontra l-ispirtu li ghalihom saru l-emendi ta' l-1995 liema emendi kienu saru appozitament biex iwessghu l-poteri tal-Qrati jawtorizzaw korrezzjonijiet sabiex kawzi ma jehlux proprju minhabba f'cirkostanzi bhall-prezenti.

Illi anke minn daqqa ta' ghajn superfluwa ta' l-eccezzjonijiet ghandu jirrizulta manifestament li l-eccezzjoni ta' nullita` tal-konvenut Nazzareno Calleja bl-ebda mod ma timpingi fuq il-mertu tal-kaz u dan kien l-unika ezami li kellha taghmel l-ewwel Qorti.

Illi in oltre l-Ewwel Qorti kienet zbaljata wkoll meta kkonkludiet li meta l-attur naqas milli jaghti l-konfini tal-proprjeta` *de quo* dan in-nuqqas tieghu jwassal ghan-nullita` tac-citazzjoni.

Illi bir-rispett kollu l-esponent isibha difficli jifhem kif l-ewwel Qorti setghet qatt tasal ghal din il-konkluzjoni meta l-istess Kodici Civili fl-Artikolu 156 tal-Kap. 16 jistipula b'mod ezawrjenti liema huma c-cirkostanzi li jwasslu ghan-nullita` u liema mankanza bl-ebda mod ma tinkwadra ruhha f'dawn il-binari.

Illi in oltre, l-esponent kien ha l-izbriga jaghmel rikors opportun sabiex ghal kull buon fini u ai fini ta' precizjoni biss tawtorizza l-korrezzjoni relattiva sabiex jaghti l-konfini ta' l-ghalqa *de quo*, liema rikors ukoll stranament gie michud.

Illi ghal dak li jikkoncerna l-kummenti ta' l-Ewwel Qorti dwar il-mankanza ta' esebizzjoni ta' dokumenti ghandu jinghad li fuq dan il-punt ma kien hemm l-ebda eccezzjoni u l-Qorti ma setghet qatt tissolleva din il-mankanza *ex officio*. Pero` ghandu jinghad ukoll f'dan ir-rigward li nonostante dak li jippredisponi l-Artikolu 156(2), hi konswetudni u skond il-gurisprudenza kostanti nostrali tali mankanza qatt ma giet interpretata bhala li taghti lok ghan-nullita` tal-proceduri. Kieku kien mod iehor zewg terzi mill-kawza kollha pendenti quddiem dawn il-Qrati huma monki u nulli.

Ghaldaqstant, l-appellat talab li din il-Qorti joghgobha thassar, tirrevoka u tikkancella s-sentenza tal-Prim Awla tal-Qorti Civili tat-22 ta' Frar, 2000 fl-ismijiet premessi u, okkorrendo wkoll li tilqa' r-rikors ta' l-appellant fejn talab korrezzjoni fil-premessi tac-citazzjoni, tirrimanda l-atti lura lill-ewwel Qorti ghall-prosegwiment tal-kawza.

**<u>IR-RISPOSTA TA' NAZZARENO SIVE ZAREN CALLEJA GHAR-RIKORS TA' APPELL TA' EMANUEL CALLEJA</u>**

3. L-appellant konvenut Nazzareno Calleja wiegeb hekk:-

(I) Illi s-sentenza appellata hija wahda gusta u timmerita li tkun konfermata fl-intier taghha u dan ghar-ragunijiet kif hawn esposti.

(II) Illi fil-qosor, dak li ta lok ghal dan l-appell huwa s-segwenti u cioe` l-attur appellant kien ipprezenta citazzjoni ghad-divizjoni ta' art. F'din il-procedura l-attur kien naqas illi jiddeskrivi l-art permezz ta' konfini u inoltre kien zbaljat dwar il-provenjenza meta ippremetta illi l-art kienet provenjenti minn wirt tal-missier intestat meta l-aventi kawza kien ghamel diversi testmenti. In vista ta' dawn in-nuqqasijiet gravi l-ewwel Onorabbli Qorti ddikjarat in-nullita` ta' l-atti minhabba li tali difetti m' humiex sanabbli;

(III) Illi kif tajjeb ikkunsidrat u ddecidiet l-ewwel Onorabbli Qorti, in-nuqqas ta' l-attur, illum l-appellant, li jaghti l-konfini ta' l-ghalqa mertu tal-kawza u jindikhom bi pjanta

adebita tmur kontra l-Artikolu 156(1) u (2) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta u dan stante illi l-identifikazzjoni ta' l-oggett ghandu jkun preciz u car sabiex il-Qorti, illi s-sentenzi taghha ghandhom il-forza ta' att pubbliku, tkun tista' tilqa' t-talbiet ta' l-attur u tordna d-divizjoni ta' l-art kif deskritta;

(IV) Illi dwar dan, l-ewwel Qorti ibbazat ruhha wkoll fuq gurisprudenza recenti (**Adrian De Hann vs Dr. Tonio Farrugia** deciza mill-Qorti ta' l-Appell fil-5 ta' Ottubru, 1998) fejn jirrizulta illi l-Qrati taghna ma jinterpretawx l-applikazzjoni ta' dan l-Artikolu b'mod legger u inoltre l-Ewwel Qorti ghamlet referenza wkoll ghall-Kap. 55 dwar il-Professjoni Nutarili u Arkivju Nutarili Artikolu 28(1)(f) li jipprovdi illi l-identifikazzjoni ta' fond ghandu jkun b'mod car u dettaljat;

(V) Illi sussegwentement l-attur ipprezenta rikors ghall-korrezzjoni liema rikors kien michud.

(VI) Illi l-esponent kien ezawrjenti fin-nota ta' sottomissjonijiet tieghu u jaghmel referenza ghall-istess nota bhala formanti parti minn din ir-risposta.

(VII) Illi l-Artikolu 175 tal-Kap. 12 kien emendat bl-Att XXIV ta' l-1995 u dan sabiex gustament jissimplifika l-procedura meta si tratta ta' korrezzjoni ta' atti difettuzi. Izda dan ma jfissirx illi kull difett huwa sanabbli.

175 (1) "Il-Qorti tista', f'kull waqt tal-kawza, qabel is-sentenza, wara talba ta' wahda mill-partijiet, wara li tisma' meta jehtieg lill-partijiet, tordna s-sostituzzjoni ta' xi att jew tippermetti tibdil fl-iskritturi, sew billi fihom jizdied jew jitnehha l-isem ta' wahda mill-partijiet jew fil-kwalita` li fiha jidhru, jew billi jissewwa kull zball iehor jew billi jiddahhlu hwejjeg ohra ta' fatt jew ta' dritt ukoll permezz ta' nota separata, sakemm sostituzzjoni jew tibdil bhal dan ma jbiddilx fis-sustanza l-azzjoni jew l-eccezzjoni fuq il-mertu tal-kawza."

(VIII) Jirrizulta illi l-Qorti "**<u>tista'</u>**" tordna jew tippermetti; fil-verzjoni Ingliza "*The Court* "*may*" u mhux "*shall*"; hija d-

diskrezzjoni tal-Qorti li tilqa' jew tichad rikorsi ta' dan il-genere u dan fiz-zewg kazijiet stipolati fl-Artikolu (1) bdil jew zieda fl-isem jew kwalita` ta' wahda mill-partijiet (li mhux applikabbli fil-kaz in ezami) (2) tiswija ta' zball jew jiddahhlu hwejjeg ohra ta' fatt jew ta' dritt. L-Artikolu 175 ikompli jghid illi fil-kaz ta' l-ahhar il-Qorti "tista' tordna" jew tippermetti bdil "sakemm sostituzzjoni jew bdil bhal dan ma jbiddlux fis-sustanza l-azzjoni jew l-eccezzjoni fuq il-mertu tal-kawza." Ghalhekk dan l-artiklu inoltre il-fatt illi jistipola meta jista' jigi applikat, jistipola wkoll fl-ahhar eventwalita` meta din tista' tigi applikata. Fil-kaz in ezami l-attur ipprezenta rikors fejn ikkwota konfini ta' art bhala aggunt liema konfini ma jirrizultawx mill-atti ipprezentati minnu (Dok A, Dok B, Dok C u Dok D) u ghalhekk huma konfini kompletament estranei u ikomplu jitfghu dubju dwar il-konfini rejali ta' l-art mertu tal-kawza;

(IX) Ghaldaqstant l-ewwel Qorti cahdet tali rikors meta jirrizulta bla ekwivoku illi l-konfini illi ghazel jaghti l-attur bhala korrezzjoni ghar-raba' premessa tieghu, ma jaqblux sew mad-dokument riferut fl-istess premessa kif ukoll mad-dokumenti l-ohra pprezentati minnu u ghalhekk presubilment si tratta ta' xi art ohra.

(X) Inoltre l-appellant huwa zbaljat meta jghid: "Illi l-ewwelnett fl-Artikolu 175 tal-Kap. 12, il-Qorti tista' f'kull waqt tal-kawza anke fi stadju ta' l-appell tawtorizza kull korrezzjoni necessarja purche` tali korrezzjoni ma tbiddilx is-sustanza ta' l-azzjoni". Dan imkien ma jinghad fis-subincizi ta' l-Artikoli 175 hlief forsi ghas-subinciz (2) li, izda, jirreferi ghal zbalji fir-rikors jew l-atti ta' l-appell innifsu u ghalhekk mhux applikabbli ghal kaz in dizamina;

(XI) Illi l-esponent jaghmel referenza ghal dak kollu li irrileva fin-nota ta' sottomissjonijiet tieghu li a skans ta' ripetizzjoni jinghad biss illi kien wera bic-car illi n-nuqqas ta' l-attur ma kienx wiehed li jista' jkun korrett u sanat u anke kieku kien il-kaz kien ser ikun korrett b'indikazzjoni ta' konfini zbaljati;

**<u>KONSIDERAZZJONIJIET TAL-QORTI</u>**

4. L-appell in ezami huwa wiehed ta’ indole purament legali: jekk il-Qorti ta’ l-ewwel grad kenitx gustifikata li tiddikjara null l-att ta’ citazzjoni kif pprezentat mill-attur jew inkella kellhiex, minflok, takkolji t-talba li saritilha mill-attur fil-mori tal-proceduri ghall-fini ta’ l-istess atti.

M’huwiex il-kaz ghal din il-Qorti li toqghod telenka mill-gdid il-fatti kollha li wasslu ghal din id-decizjoni billi dawn il-fatti johorgu sufficjentement bic-car anki mill-parti preliminari ta’ din id-decizjoni. Din il-Qorti gharblet mill-gdid l-atti tal-kawza fid-dawl ta’ dak li gie deciz mill-ewwel Qorti u tas-sottomissjonijiet li sarulha mill-partijiet u hija tal-fehma li l-aggravju ta’ l-attur huwa wiehed gustifikat, u dan ghar-ragunijiet li ser jinghataw.

5. Fl-ewwel lok jirrizulta li eccezzjoni formali dwar dikjarazzjoni ta’ nullita` lanqas ma nghatat mill-parti konvenuta. Anzi ghandu jigi osservat li l-konvenuti Joseph Calleja u Paul Calleja <u>ma oggezzjonawx</u> ghat-talbiet ta’ l-attur. Kien biss l-appellat Nazzareno sive Zaren Calleja li permezz ta’ eccezzjoni <u>*ad hoc*</u> (ara r-raba’ eccezzjoni tieghu) indika merament il-fatt li:
“....l-attur naqas li jaghti l-konfini taghhom (i.e. ta’ l-ghelieqi citati fir-raba’ premessa tac-citazzjoni) u naqas li jindakahom bi pjanta addebita u ghaldaqstant ma jistghux jigu identifikati skond il-ligi”.

Minn dan, l-ewwel Qorti ddezumiet li si trattava din ta’ eccezzjoni ta’ nullita` – haga li tibqa’ diskutibbli – u finalment hija spiccat biex laqghetha.

Ikkunsidratat li wara li l-ewwel Qorti rriferiet ghall-artikolu 156(1) u (2) u l-Artikolu 175(1) tal-Kap. 12, iddecidiet li fic-citazzjoni ma kienx hemm it-tifsira cara ta’ l-oggett u r-raguni tat-talba. Din il-Qorti ma tikkondividix dan u lanqas iz-zewg ko-konvenuti l-ohra ma jaqblu ma’ l-ewwel Qorti ghax, kif gia` intqal, dawn lanqas opponew ghat-talbiet attrici. Minbarra dan, jirrizulta kjarament l-oggett tat-talba ewlenija hija wahda ta’ divizjoni ta’ immobbli. Evidentement dak li m’ghaddiex mill-gharbiel ta’ l-ewwel Qorti kien il-fatt li “l-attur qieghed jitlob divizjoni ta’ xi artijiet” u allura kien ukoll “necessarju li dik l-art tkun

indikata kif suppost u b'mod inekwivokabbli". U sa hawn l-ewwel Qorti kellha ragun pero` jirrizulta wkoll li fil-mori tal-procedura, l-attur, wara li pprevalixxa ruhu mid-dizpozittiv ta' l-Artikolu 175(1) tal-Kap. 12, talab li l-att jigi korrett bl-inkluzjoni tat-taghrif kollu mehtieg ghal fini ta' indikazzjoni preciza ta' l-immobbli *de quo*. Minflok ma l-ewwel Qorti ghaddiet biex takkolji tali talba u b'hekk tissana l-lakuna fl-istess att, iddecidiet li tichad din it-talba maghmula mill-attur. Dan sar, tghid l-ewwel Qorti, minhabba li t-talba ghal fini ta' korrezzjoni, li kieku intlaqat, kienet tkun tammonta ghal tibdil fis-sostanza ta' l-azzjoni. Hu sewwa sew fuq dan il-punt krucjali li din il-Qorti m'hijiex qeghda taqbel ma' l-ewwel Qorti. Hija l-fehma ta' din il-Qorti li l-kawza in ezami bdiet bhala wahda ta' divizjoni ta' immobbli u li kieku saret il-korrezzjoni mitluba mill-attur xorta wahda kienet tibqa' wahda tali. Fi kliem iehor fis-sostanza taghha ma jkun inbidel assolutament xejn ghajr li fejn kien hemm precizazzjonijiet ta' natura fattwali, li htegilhom jinghataw, dawn ikunu saru. Bir-rispett kollu, din il-Qorti ssib ir-riferenza maghmula b'analogija mill-ewwel Qorti ghal dik li huwa rikjest *ad validitatem* ghall-fini ta' att notarili skond il-Kap. 55 tal-Ligiijiet ta' Malta, bhala wahda immaterjali u inapplikabbli ghall-fini tal-punt in ezami. Li kieku kellu jirrizulta per ezempju illi bil-korrezzjoni mitluba l-azzjoni in korso kienet ser tinbidel minn wahda ta' divizjoni ghal wahda ta' danni jew ta' spoll, allura l-ewwel Qorti kien ikollha ragun li tiddeciedi kif iddecidiet, imma dan zgur ma jidhirx li huwa l-kaz. Anzi, bil-korrezzjoni mitluba, una volta li din tintlaqa', ikun ifisser li l-konvenuti appellati jkunu f'qaghda li jwiegbu sew ghal dak li qieghed jitlob li jsir l-attur appellant. Issa, jekk, wara li ssir il-korrezzjoni mitluba pero` u mhux qabel, il-parti konvenuta jidhrilha li xorta wahda l-attur ta konfini zbaljati (kif fil-fatt gia` sar accenn mill-appellat ghal din il-possibilita`), haga bhal din tkun fir-responsabbilita` ta' l-attur imma ma ghandhiex tipprekludi l-possibilita` ta' korrezzjoni rimedjali biex tissana c-citazzjoni promotrici. F'dan ir-rigward ghalhekk dak li gie sottomess mill-appellant dwar l-ispirtu ta' l-emenda li giet fis-sehh fil-ligi procedurali tramite l-Artikolu 175 tal-Kap. 12 u l-applikabbilita` tieghu jaghmel sens. Fejn il-Qorti ma taqbilx ma' l-appellant huwa fejn dan jikkummenta illi li

kieku l-korrezzjoni mitluba minnu ma kellhiex tinghata allura jfisser li "zewg terzi mill-kawzi kollha pendenti quddiem dawn il-Qrati huma monki u nulli". Sakemm l-appellant ma kienx qieghed jirreferi ghall-kawzi partikolari patrocinati mil-legali tieghu, din il-Qorti hija tal-fehma li l-asserzjoni tieghu hija spropozitu ghall-ahhar. Mill-bqija, jidhrilha li l-aggravju ta' l-appellant huwa wiehed fondat u li l-ewwel Qorti _contrario imperio_ ghandha tirrevoka d-digriet taghha fejn cahdet il-korrezzjoni mitluba mill-attur u b'hekk il-procedura tkun tista' tkompli.

Ghal dawn ir-ragunijiet:
Tiddeciedi billi, filwaqt li tilqa' l-appell ta' l-attur, tirrevoka u thassar is-sentenza appellata kif moghtija mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fit-22 ta' Frar 2000, u tordna li l-atti tal-kawza jigu rinvjati quddiem l-ewwel Qorti ghall-fini ta' kontinwazzjoni u decizjoni skond il-ligi, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-konvenut appellat Nazzareno sive Zaren Calleja.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------